# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2019**

**Kawza Numru : 37**
**Rikors Guramentat Numru : 799/2018/LSO**

**Margaret Ebejer (ID 247379)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Margaret Ebejer (ID 247379 M) datat 1 ta' Awwissu 2018 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti twieldet bhala Margaret Vassallo kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha (Dok A).

Illi l-esponenti zzewget lil Kevin Steven Ebejer fis-26 ta' Frar 2001 kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv 150 tas-sena 2001 (Dok B).

Illi l-esponenti ottjeniet divorzju f'pajjiz esteru ossia fil-Kanada fl-30 ta' April 2006 (Dok C), liema divorzju gie rikonoxxut mill-awtoritajiet Maltin kif anke jirrizulta mill-annotazzjonijiet tal-istess Att taz-Zwieg sureferit.

Illi *ai termini* tal-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-mara ghandha l-fakulta li terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju.

Illi peress li d-divorzju taghha giet rikonoxxut hawn Malta, l-esponenti tixtieq li hi terga' lura ghal kunjom xbubitha kif tippermetti l-ligi, daqs li kieku d-divorzju sar hawn Malta.

Illi fis-19 ta' Jannar 2018 u cioe' wara li r-rikorrenti Margaret Ebejer ottjeniet id-divorzju, twieldu t-tewmin Andrea Falzon u Mattea Falzon u kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid taghhom bin-numri 4030 tas-sena 2018 u 4031 tas-sena 2018 (Dok D u Dok E) fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' tal-omm hemm imnizzel "Margaret Ebejer nee` Vassallo". Ghaldaqstant l-esponenti tixtieq ukoll li jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega f'dawn l-atti pubblici.

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tawtorizza lill-esponenti terga’ lura ghal kunjom xbubitha;

2. Tiddikjara ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi li konjum l-esponenti ghandu jkun "Vassallo" u mhux aktar "Ebejer";

3. Tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mehtiega fl-atti pubblici relattivi ghar-rikorrenti u ghal ulied tar-rikorrenti, inkluz fic-certifikat taz-zwieg numru 150/2001 u fl-atti tat-twelid numri 4030/18 u 4031/18, u dan billi kull fejn hemm indikat kunjom ir-rikorrenti ghandu jidher biss bhala "Vassallo"

Il-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta’ Novembru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 ta’ Settembru 2016 (fol 19) fejn Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u dan abbazi tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi n-numru progressiv tal-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti gie erronjament indikat fir-rikors promotur u dan ghaliex in-numru progressiv li verament jappartjeni l-Att taz-Zwieg in kwistjoni huwa dak ta' 150 tas-sena 2001 u mhux 47 tas-sena 2001. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti ghandha tirregola l-pozizzjoni taghha u dan f'gieh l-integrita' tal-gudizzju;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponent umilment jirrileva li mill-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 150 tas-sena 2001, b'mod specifiku mill-addenda tal-istess Att, liema Att jinsab anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala 'Dok. B', jidher illi l-annotazzjoni li tnzzlet mill-konvenut saret abbazi ta' certifikat ta' divorzju mahrug mill-Qorti Superjuri ta' Ontario, il-Kanada. Kif jidher mill-istess certifikat li gie anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala 'Dok. C', ma hemm xejn imnizzel illi l-attrici rrevertiet ghal kunjom xbubitha u

ghaldaqstant il-konvenut ma setax jnizzel tali bidla minghajr awtorizzazzjoni;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant f'tali cirkostanza ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi miguba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tat-TIieta, 21 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Ellul ikkonfermat li d-dokumenti esebiti huma awtentici u ddikjarat li ma kellhiex provi ulterjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fis-6 ta' Awwissu 2018 (fol 12) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi t-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat giet irtirata, wara talba ghal korrezzjoni fir-rikors promotur, sabiex kull fejn hemm in-numru 47, jigi jaqra 150, liema korrezzjoni giet awtorizzata b'digriet datat 6 ta' Novembru 2018.

Illi r-rikorrenti qed titlob li terga' lura ghal kunjom xbubitha *stante* li hija ottjeniet divorzju f'pajjiz esteru, ossija fil-Kanada (Dok C) (fol 6-8). Jirrizulta li dan id-divorzju gie rikonoxxut mill-Awtoritajiet Maltin, kif jidher mill-att taz-zwieg esebit bhala Dok B. In sostenn ghat-talba taghha, ir-rikorrenti esebiet ukoll kopja tac-certifikat tat-twelid taghha, Dok A, fejn jirrizulta li kunjom xbubitha huwa Vassallo.

Illi f'dan il-kaz, ir-rikorrenti esebiet ukoll Dok D u Dok E, l-atti tat-twelid tat-tewmin uliedha, li twieldu wara li hi ottjeniet id-divorzju. Ghalhekk, ir-rikorrenti tixtieq li jsiru l-annotazzjonijeit mehtiega f'dawn l-atti tat-twelid ta' wliedha wkoll.

Ikkunsidrat li *ai termini* tal-artikolu 66L (4) (B) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-mara tista' terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju. Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti hadet kunjom ir-ragel malli zzewget, izda ladarba z-zwieg m'ghadux fis-sehh, hi ghandha l-fakolta` terga' lura ghal kunjom xbubitha. It-talba odjerna mhijiex talba ghal korrezzjoni ta' zball, izda hija talba sabiex dak li hu rikonoxxut u permess mil-ligi stess jinghata rikonoxximent formali f'kaz ta' mara mizzewga li ottjeniet id-divorzju minn gurisdizzjoni estera.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Madankollu, taqbel li ma sarx zball da parti tal-intimat, u ghalhekk ser tilqa' l-eccezzjoni tieghu fuq il-kap tal-ispejjez.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tawtorizza lir-rikorrenti terga' lura ghal kunjom xbubitha.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrenti ghandu jkun "Vassallo" u mhux aktar "Ebejer."

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega fl-att taz-zwieg numru 150 tas-sena 2001, sabiex ir-rikorrenti tkun ufficjalment maghrufa u rikonoxxuta bil-kunjom "Vassallo" minflok "Ebejer." Tordna li jsiru l-annotazzjonijiet ukoll fl-atti tat-twelid ta' wlied ir-rikorrenti bin-numru 4030/2018 u 4031/2018, b'dan li kull fejn hemm indikat Ebejer, kunjom ir-rikorrenti ghandu jidher bhala "Vassallo".

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont **l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2019**